



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Rapport dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar
il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew għas-sena
finanzjarja 2017

Flimkien mar-risposta tal-Impriża Konġunta

WERREJ

	Paragrafu
Introduzzjoni	1 - 12
Stabbiliment tal-Impriża Konġunta SESAR	1 - 2
Governanza	3 - 4
Objettivi	5 - 7
Riżorsi	8 - 11
L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni	12
Opinjoni	13 - 25
Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet	14
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet	15
Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet	16
Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza	17 - 19
Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi	20 - 25
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	26 - 37
Implimentazzjoni tal-baġit għall-2017	26 - 28
Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt l-FP7 u t-TEN-T	29 - 33
Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020	34 - 37
Kontrolli interni	38 - 42
Qafas ta' kontroll intern	38 - 41
Proċeduri ta' akkwist	42
Kwistjonijiet oħra	43
Mobilizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħra ta' SESAR 2020	43
Informazzjoni dwar l-evalwazzjonijiet tal-kummissjoni	44 - 47
Anness - Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti	
Ir-risposta tal-Impriża Konġunta	

INTRODUZZJONI

Stabbiliment tal-Impriża Konġunta SESAR

1. L-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), li tinsab fi Brussell, twaqqfet fi Frar 2007 għal perjodu ta' tmien snin u bdiet taħdem b'mod awtonomu fl-10 ta' Awwissu 2007¹. F'Ġunju 2014, il-Kunsill emenda r-Regolament fundatur u estenda t-tul ta' ħajja tal-Impriża Konġunta sal-31 ta' Diċembru 2024².
2. L-Impriża Konġunta SESAR hija sħubija pubblika-privata għall-iżvilupp u t-twaqqif tal-ġestjoni mmodernizzata tat-traffiku tal-ajru (ATM) fl-Ewropa. Il-membri fundaturi huma l-Unjoni Ewropea (UE), irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Organizzazzjoni Ewropea għas-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru (Eurocontrol)³. Wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess, 19-il entità pubblika u privata mis-settur tal-avjazzjoni saru membri tal-Impriża Konġunta. Dawn jinkludu manifatturi ta' inġenji tal-ajru, manifatturi ta' tagħmir tal-art u tal-ajru, fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u awtoritajiet tal-ajruporti.

Governanza

3. L-istruttura ta' governanza tal-Impriża Konġunta SESAR tinkludi l-Bord Amministrattiv u d-Direttur Eżekuttiv.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) (ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1), emendat bir-Regolament (KE) Nru 1361/2008 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fir-rigward tal-estensjoni tal-Impriża Konġunta sal-2024 (ĠU L 192, 1.7.2014, p. 1).

³ Il-Eurocontrol hija organizzazzjoni internazzjonali li tappartjeni għal 41 Stat Membru. L-UE ddelegat lill-Eurocontrol partijiet mir-Regolamenti tagħha dwar l-Ajru Uniku Ewropew, biex b'hekk din saret l-organizzazzjoni ċentrali għall-koordinazzjoni u għall-ippjanar tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-Ewropa kollha. L-UE nfisha hija firmatarja tal-Eurocontrol u l-Istati Membri kollha tal-UE huma membri tagħha.

4. Il-Bord Amministrattiv huwa magħmul minn rappreżentanti mill-membri tal-Impriża Konġunta SESAR, flimkien ma' Rappreżentanti mill-Partijiet Interessati (għall-militar, l-utenti ċivili tal-ispazju tal-ajru, il-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru, il-manifatturi tat-tagħmir, l-ajruporti, il-persunal fis-settur tal-ATM, u l-komunità xjentifika). Il-Bord huwa responsabbli għall-adozzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM approvat mill-Kunsill u għall-eżerċitar ta' kontrolli ġenerali fuq l-implimentazzjoni tal-proġett SESAR. Id-Direttur Eżekuttiv huwa responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Impriża Konġunta.

Objettivi

5. Il-proġett SESAR għandu l-għan li jimmodernizza l-ATM fl-Ewropa billi jiddefinixxi, jiżviluppa u jwassal teknoloġiji u proċeduri ġodda jew imtejbin. Il-proġett huwa maqsum fi tliet fażijiet:

- “Fażi ta' definizzjoni” (2004-2007) immexxija mill-Eurocontrol u kkofinanzjata mill-programm tan-Netwerk Trans-Ewropew (TEN-T). L-eżitu kien il-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM, li jiddefinixxi l-kontenut u jiddeskrivi l-iżvilupp u t-twaqqif tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' sistema ġdida tal-ATM.
- “Fażi ta' żvilupp” b'żewġ termini (2008–2013, estiża sal-2016) immaniġġjata mill-Impriża Konġunta SESAR, ikkofinanzjata mill-programm TEN-T u mis-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7), u mill-2014, ikkofinanzjata wkoll mill-programm Orizzont 2020.
- “Fażi ta' twaqqif” (2014-2024) li għandha titmexxa mill-industrija tat-traffiku tal-ajru u mill-partijiet interessati, għall-produzzjoni u l-implimentazzjoni fuq skala kbira tal-infrastruttura l-ġdida tal-ATM, b'kofinanzjament mill-programm Orizzont 2020.

6. L-objettiv tal-Impriża Konġunta SESAR taħt il-programmi FP7 u TEN-T kien li timmodernizza u żżid is-sikurezza tal-ATM fl-Ewropa billi tikkoordina u tikkonċentra l-isforzi rilevanti kollha ta' riċerka u żvilupp fl-UE, għall-produzzjoni ta' sistemi teknoloġiċi, komponenti u proċeduri operazzjonali ġodda kif iddefinit fil-Pjan Regolatorju Ewropew tal-ATM (SESAR I - fażi ta' żvilupp mill-2008-2016).

7. Taħt Orizzont 2020, l-Impriża Konġunta SESAR timplimenta l-programm SESAR 2020 bil-objettiv li turi l-vijabbiltà tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi u operazzjonali, li diġà ġew żviluppati

taħt SESAR I, f'ambjenti usa' u aktar integrati fil-livell operazzjonali (kontinwazzjoni tal-fażi ta' żvilupp), u li timplimenta l-infrastruttura l-ġdida tal-ATM (fażi ta' twaqqif).

Riżorsi

8. Il-baġit għall-fażi ta' żvilupp tal-Programm SESAR I 2008-2016 kien ta' EUR 2 100 miljun, li kellu jiġi pprovdut f'partijiet ugwali mill-UE, mill-Eurocontrol u mis-sħab pubbliċi u privati parteċipanti mis-settur tat-traffiku tal-ajru. Il-kontribuzzjoni mill-UE ta' massimu ta' EUR 700 miljun ġiet iffinanzjata mill-programmi FP7 u TEN-T⁴.

9. Ir-Regolament fundatur tas-SESAR jistma li l-ispejjeż totali għal SESAR 2020 huma ta' EUR 1 585 miljun⁵. Il-kontribuzzjoni massima mill-UE għall-Impriża Konġunta SESAR, għall-implimentazzjoni tal-programm dwar l-iżvilupp u t-twaqqif ta' SESAR 2020 għall-perjodu 2017-2024, hija ta' EUR 585 miljun, li għandha tiġi ffinanzjata minn Orizzont 2020⁶. Il-Eurocontrol għandha tikkontribwixxi madwar EUR 500 miljun⁷, filwaqt li s-settur tat-traffiku tal-ajru huwa mistenni li jikkontribwixxi EUR 500 miljun għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta. Madwar 95 % tal-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-Eurocontrol għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta u mill-membri l-oħra huma fl-għamla ta' kontribuzzjonijiet *in natura*.

10. Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti għall-ispejjeż amministrattivi tal-Impriża Konġunta, il-Bord Amministrattiv jiddeċiedi dwar l-ammonti li kull membru jrid jirrilaxxa fi proporzjon mal-kontribuzzjonijiet li jkun qabel li jħallas u jstabilixxi d-dati ta' skadenza sa meta l-membri jridu jħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom.

⁴ L-Artikolu 3 tal-Ftehim Ġenerali bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Impriża Konġunta SESAR, Diċembru 2009.

⁵ Il-Premessa 5 tar-Regolament (UE) Nru 721/2014.

⁶ L-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 219/2007, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 721/2014.

⁷ L-Artikolu 4 tal-Ftehim konkluż bejn SESAR 2020 u Eurocontrol.

11. Fl-2017, il-baġit finali tal-Impriża Konġunta SESAR għal SESAR I u SESAR 2020 kien ta' EUR 191,8 miljun (2016: EUR 157,1 miljun). Fil-31 ta' Diċembru 2017, l-Impriża Konġunta kellha 40 membru tal-persunal impjegati magħha (2016: 44).

L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni

12. F'Ġunju 2017 il-Kummissjoni kkompletat l-evalwazzjoni finali tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta taħt l-FP7 u l-evalwazzjoni *interim* tal-attivitajiet tagħha taħt Orizzont 2020. Dawn ġew segwiti minn pjanijiet ta' azzjoni rispettivi m'hejjija mill-Impriża Konġunta biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet li saru fl-evalwazzjonijiet. Din id-darba, aħna inkludejna taqsima li hija relatata mal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Impriża Konġunta b'rispons għall-evalwazzjonijiet, u li hija intenzjonata biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma tiffurmax parti mill-opinjoni jew mill-osservazzjonijiet tal-awditjar tagħna.

OPINJONI

13. Aħna awditjajna:

- (a) il-kontijiet tal-Impriża Konġunta, li jinkludu r-rapporti finanzjarji⁸ u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit⁹ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, kif meħtieġ mill-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

14. Fl-opinjoni tagħna, il-kontijiet tal-Impriża Konġunta għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2017, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tagħha

⁸ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁹ Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti li jaggregaw l-operazzjonijiet baġitarji kollha u n-noti ta' spjegazzjoni.

u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet

15. Fl-opinjoni tagħna, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

16. Fl-opinjoni tagħna, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2017 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

Responsabbiltajiet tal-maniġment u ta' dawk inkarigati mill-governanza

17. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta, il-maniġment huwa responsabbli mit-tnejn u l-preżentazzjoni tal-kontijiet abbażi ta' standards tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa responsabbli wkoll milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu jikkonformaw mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-maniġment tal-Impriża Konġunta jerfa' r-responsabbiltà aħħarja għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

18. Fit-tnejn tal-kontijiet, il-maniġment huwa responsabbli milli jivvaluta l-kapaċità tal-Impriża Konġunta li tkompli bħala negozju avvjat, filwaqt li jiddivulga, kif applikabbli, kwistjonijiet relatati ma' negozju avvjat u juża l-bażi kontabilistika ta' negozju avvjat.

19. Dawk inkarigati mill-governanza huma responsabbli mis-sorveljanza tal-proċess ta' rappurtar finanzjarju tal-entità.

Responsabbiltajiet tal-awditur għall-awditjar tal-kontijiet u tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

20. L-objettivi tagħna huma li niksbu aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet tal-Impriża Konġunta jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari u li, fuq il-bażi tal-awditu tagħna,

niprovdut lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew lil awtoritajiet ta' kwittanza rispettivi oħra b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Aċċertament raġonevoli huwa aċċertament ta' livell għoli, iżda mhuwiex garanzija li awditu dejjem se jaqbad dikjarazzjoni skorretta materjali jew nuqqas ta' konformità meta dawn ikunu jeżistu. Dawn jistgħu jiġu kkaġunati minn frodi jew minn xi żball u jitqiesu materjali jekk, individwalment jew flimkien, jistgħu jkunu mistennija, b'mod raġonevoli, li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ekonomiċi li l-utenti jieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-kontijiet.

21. Awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqies il-kontroll intern rilevanti għat-tnejn u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, iżda mhux bl-iskop li tingħata opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adekwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jsiru mill-maniġment u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

22. Għad-dħul, aħna nivverifikaw is-sussidju li jiġi riċevut mingħand il-Kummissjoni u nivvalutaw il-proċeduri tal-Impriża Konġunta għall-ġbir ta' tariffi u ta' introjtu ieħor.

23. Għall-infiq, aħna neżaminaw it-tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li jkunu saru għax-xiri ta' assi) fil-punt meta jsiru.

24. Fit-tnejn ta' dan ir-rapport u l-opinjoni, aħna qisna x-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Impriża Konġunta kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE¹⁰.

25. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-QEA.

¹⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

Implimentazzjoni tal-baġit għall-2017

26. B'kont meħud tal-appropriazzjonijiet ta' dħul assenjat (EUR 18-il miljun), il-baġit disponibbli għall-2017 għal SESAR I kien ta' EUR 19,3 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 121,8 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament; u l-baġit disponibbli għall-2017 għal SESAR 2020 kien ta' EUR 111,7 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 91,2 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

27. Ir-rati ta' implimentazzjoni għal appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għal SESAR I kienu ta' 11 % u 68 %, rispettivament. Ir-rati baxxi ta' implimentazzjoni għal SESAR I kienu kkawżati mill-fatturi li ġejjin:

- F'Diċembru 2016, il-programm SESAR I ingħalaq formalment u l-aħħar pagament sar f'Diċembru 2017. Minkejja dan, sa tmiem l-2017, l-Impriża Konġunta kellha tiżgura li kellha fondi suffiċjenti taħt l-FP7 għar-rimborż tal-kontribuzzjonijiet żejda fi flus kontanti li hija rċeviet mill-membri tal-industrija ta' SESAR I¹¹ u għall-pagament ta' klejms għall-ispejjeż li ġew ippreżentati tard iżda li xorta kienu ġġustifikati għal proġetti taħt l-FP7 li kienu għadhom għaddejnin.
- Fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-ħtieġa tagħha għal appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ġodda għall-baġit ta' SESAR I, l-Impriża Konġunta ħadet approċċ konservattiv u ma kinitx qieset id-dħul assenjat mistenni ta' madwar EUR 17-il miljun, li kien ġej minn irkupri għal proġetti ta' SESAR I (jiġifieri korrezzjonijiet ta' żbalji b'segwitu għal awditjar *ex post*, prefinanzjamenti miftuħa pendenti, eċċ.).

28. Ir-rati ta' implimentazzjoni għal appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament għal SESAR 2020 kienu ta' 92 % u 68 %, rispettivament. Ir-rata ta' implimentazzjoni aktar baxxa milli mistenni għal appropriazzjonijiet ta' pagament kienet prinċipalment dovuta għad-dewmien fl-implimentazzjoni ta' proġetti taħt Orizzont 2020 li twettqu mill-membri tal-

¹¹ L-Artikoli 13 u 25 tal-istatuti tal-Impriża Konġunta, annessi mar-Regolament (KE) Nru 219/2007 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 721/2014.

industrija u għall-ippjanar pjuttost konservattiv tal-baġit meta jitqies ir-riskju li l-ftehimiet ta' delega tal-implimentazzjoni finanzjarja annwali jdumu ma jaslū.

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt l-FP7 u t-TEN-T

29. Mill-ammont massimu ta' EUR 700 miljun f'fondi taħt l-FP7 li ġew allokati għall-Impriża Konġunta SESAR għall-implimentazzjoni ta' SESAR I, l-UE kienet ikkontribwiet total ta' EUR 633,9 miljun fi flus kontanti, sa tmiem l-2017.

30. Mill-ammont ta' EUR 1 254,5 miljun ta' kontribuzzjonijiet *in natura* u kontribuzzjonijiet fi flus kontanti li għandhom isiru mill-membri l-oħra għall-attivitajiet relatati ma' SESAR I tal-Impriża Konġunta SESAR (EUR 670,2 miljun mill-Eurocontrol u EUR 584,3 miljun mill-membri tas-settur tat-traffiku tal-ajru), sa tmiem l-2017 l-Impriża Konġunta kienet ivalidat kontribuzzjonijiet ta' EUR 560,7 miljun mill-Eurocontrol u EUR 539,2 miljun mis-settur tat-traffiku tal-ajru.

31. Konsegwentement, sa tmiem l-2017, il-kontribuzzjoni totali mill-membri l-oħra ta' SESAR I ammontat għal EUR 1 099,9 miljun, filwaqt li l-kontribuzzjoni kumulattiva fi flus kontanti mill-UE ammontat għal EUR 633,9 miljun.

32. Mill-baġit totali ta' EUR 892,8 miljun għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi ta' SESAR I¹², l-Impriża Konġunta SESAR kienet għamlet impenji ta' EUR 853 miljun u pagamenti ta' EUR 801 miljun (89,7 % tal-baġit disponibbli), sa tmiem l-2017.

33. Fi tmiem l-2017, u meta l-programm SESAR I kien fil-fażi ta' għeluq, l-Impriża Konġunta kellha tannulla EUR 30 miljun (19 %) f'impenji pendenti minħabba l-aġġustament jew il-kanċellazzjoni ta' proġetti taħt SESAR I. Konsegwentement, fi tmiem is-sena l-obbligazzjonijiet ta' pagament tal-Impriża Konġunta li kienu għadhom miftuħa għal għotjiet relatati ma' SESAR I kienu jammontaw għal madwar EUR 47 miljun.

¹² It-total ta' EUR 892,8 miljun huwa magħmul mill-kontribuzzjoni ta' EUR 700 miljun fi flus kontanti mill-UE ffinanzjata mill-programmi FP7 u TEN-T, kontribuzzjoni ta' EUR 165 miljun fi flus kontanti mill-Eurocontrol, u kontribuzzjoni ta' EUR 27,8 miljun fi flus kontanti mill-membri tal-industrija tat-traffiku tal-ajru.

Implimentazzjoni tal-baġit pluriennali taħt Orizzont 2020

34. Mill-ammont massimu ta' EUR 585 miljun f'fondi taħt Orizzont 2020 li ġew allokat i għall-Impriża Konġunta SESAR għall-implimentazzjoni ta' SESAR 2020, l-UE kienet ikkontribwiet total ta' EUR 132,9 miljun fi flus kontanti, sa tmiem l-2017.

35. Il-membri l-oħra impenjaw lilhom infushom li jagħmlu kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti ta' mill-inqas EUR 825,9 miljun għall-attivitajiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta għal SESAR 2020 (madwar EUR 500 miljun mill-Eurocontrol u ammont stmat ta' EUR 325,9 miljun mis-settur tat-traffiku tal-ajru). Fi tmiem l-2017, il-membri l-oħra kienu rrapportaw ammont ta' EUR 97,3 miljun f'kontribuzzjonijiet *in natura*. Madankollu, minħabba l-fatt li fl-2017 il-proġetti taħt SESAR 2020 kienu għadhom fil-bidu tagħhom, ma kinux ġew ivalidati mill-Bord Amministrattiv. Barra minn hekk, il-Eurocontrol ikkontribwixxa EUR 6,7 miljun fi flus kontanti għall-ispiża amministrattiva tal-Impriża Konġunta.

36. Konsegwentement, sa tmiem l-2017, il-kontribuzzjonijiet totali mis-settur tat-traffiku tal-ajru u mill-Eurocontrol ammontaw għal EUR 104 miljun, filwaqt li l-kontribuzzjoni fi flus kontanti mill-UE ammontat għal EUR 132,9 miljun.

37. Mill-baġit massimu ta' EUR 639,8 miljun għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi ta' SESAR 2020¹³, l-Impriża Konġunta kienet għamlet impenji ta' EUR 236,7 miljun u pagamenti ta' EUR 112,3 miljun, sa tmiem l-2017. Il-pagamenti kienu prinċipalment pagamenti ta' prefinanzjament għall-ewwel u t-tieni sensiela ta' proġetti taħt SESAR 2020.

KONTROLLI INTERNI

Qafas ta' kontroll intern

38. L-awditur estern tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta osserva xi nuqqasijiet fil-proċeduri relatati mal-kontroll finanzjarju tagħha. Din is-sitwazzjoni hija prinċipalment

¹³ It-total ta' EUR 639,8 miljun huwa magħmul mill-kontribuzzjoni ta' EUR 585 miljun fi flus kontanti mill-UE ffinanzjata mill-programm Orizzont 2020, kontribuzzjoni ta' EUR 25 miljun fi flus kontanti mill-Eurocontrol, u kontribuzzjoni ta' EUR 18,5 miljun fi flus kontanti mill-membri tal-industrija tat-traffiku tal-ajru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipprovdi dħul assenjat ta' EUR 11,3 miljun lill-Impriża Konġunta għal kompiti speċifiċi li kienu ġew iddelegati lilha.

dovuta għall-qafas regolatorju finanzjarju kumpless li taħtu trid topera l-Impriża Konġunta, kif ukoll għat-tluq reċenti ta' membri ewlenin tal-persunal inkarigati mill-finanzi u għall-ammont eċċessiv ta' xogħol li konsegwentement irriżulta fid-dipartiment tal-finanzi.

39. L-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri affidabbli ta' kontroll *ex ante* bbażati fuq analiżijiet dokumentarji finanzjarji u operazzjonali. Għal pagamenti *interim* u finali taħt l-FP7, l-Impriża Konġunta twettaq awditi *ex post* għand il-benefiċjarji, filwaqt li għal klejms għall-ispejjeż ta' proġetti taħt Orizzont 2020, is-Servizz tal-Awditjar Komuni (CAS) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-awditi *ex post*. Ir-rati tal-iżball residwu għall-awditi *ex post* li ġew irrappurtati mill-Impriża Konġunta fi tmiem l-2017 kienu ta' 1,09 % għall-FP7 u ta' 2,8 % għal Orizzont 2020¹⁴.

40. Ibbażat fuq valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern tal-Impriża Konġunta, fuq ittestjar sostantiv tal-operazzjonijiet ta' dħul, ta' pagamenti, ta' għotjiet u ta' akkwist, kif ukoll fuq analiżi ta' kampjun ta' awditi *ex post* finalizzati, inklużi ta' rkupri li rriżultaw mill-iżbalji li nqabdu, ir-riżultati tal-awditjar ipprovdewlna aċċertament raġonevoli li r-rata kumplessiva tal-iżball residwu għall-Impriża Konġunta hija taħt il-livell ta' materjalità.

41. Fi tmiem l-2017, kienu għadhom ma sarux l-iżviluppi speċifiċi meħtieġa fl-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet, taħt il-programm Orizzont 2020, biex dawn ikunu jistgħu jipproċessaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* tal-Impriża Konġunta.

Proċeduri ta' akkwist

42. Fil-proċeduri tagħha għall-akkwist ta' servizzi ta' appoġġ minn utenti ċivili tal-ispazju tal-ajru rigward l-attivitajiet ta' SESAR 2020¹⁵, l-Impriża Konġunta użat bħala punteġġ finanzjarju l-medja sempliċi (aritmetika) tal-offerti finanzjarji li hija rċeviet għar-rati ta' kuljum tal-kategoriji ta' esperti. L-istess approċċ ġie applikat għal-lottijiet kollha. Fil-fatt, l-użu ta' medja ponderata għall-kalkolu tal-punteġġ finanzjarju kien ikun soluzzjoni aktar kompetittiva u

¹⁴ Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2017 tal-Impriża Konġunta SESAR, il-punti 1.1.4.3 u 1.1.7.

¹⁵ Kuntratti qafas (erba' lottijiet) b'baġit totali ta' EUR 6 miljun fuq perjodu ta' erba' snin.

effettiva. Jenġtieg li l-ponderazzjoni tkun ibbażata fuq l-għadd l-aktar probabbli ta' jiem ta' xogħol għal kull kategorija ta' esperti meħtieġa għas-servizzi speċifiċi tal-lott.

KWISTJONIJIET OĦRA

Mobilizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet mill-membri l-oħra ta' SESAR 2020

43. Wieħed mill-oġġettivi prinċipali tal-Impriża Konġunta huwa li timmobilizza l-kontribuzzjonijiet li jsiru mis-sħab tal-industrija fil-qasam tal-attivitajiet tagħha¹⁶. Għall-fondi tal-industrija tat-traffiku tal-arju, il-fattur stmat ta' mobilizzazzjoni li għandu jinkiseb skont ir-Regolament fundatur tal-Impriża Konġunta mingħajr il-Eurocontrol huwa ta' 0,85¹⁷.

INFORMAZZJONI DWAR L-EVALWAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI

44. L-Evalwazzjoni Finali tal-Impriża Konġunta SESAR, li l-Kummissjoni wettqet fil-kuntest tal-FP7 kienet tkopri l-perjodu bejn l-2007 u l-2016¹⁸, filwaqt li l-Evalwazzjoni *Interim* tal-Impriża Konġunta SESAR fil-kuntest ta' Orizzont 2020 kienet tkopri l-perjodu mill-2014 sal-2016¹⁹. L-evalwazzjonijiet twettqu bl-assistenza ta' esperti indipendenti kif previst fir-

¹⁶ Il-Premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 219/2007, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 721/2014, tiddikjara li l-parteċipazzjoni sostanzjali tal-industrija hija element essenzjali għall-proġett SESAR. Għalhekk, huwa fundamentali li l-baġit pubbliku għall-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR jiġi ssupplimentat b'kontribuzzjonijiet mill-industrija.

¹⁷ L-ammont stmat tal-kontribuzzjonijiet *in natura* mis-sħab fis-settur tat-traffiku tal-arju għall-attivitajiet operazzjonali tal-Impriża Konġunta mingħajr il-Eurocontrol (EUR 500 miljun) diviż bil-kontribuzzjoni totali fi flus kontanti mill-UE għall-Impriża Konġunta (EUR 585 miljun). Irid jiġi nnutat li, f'konformità mal-istatuti ta' SESAR 2020, il-membri tal-industrija ma jipprovdux kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali li ma jkunux fil-programm ta' ħidma tal-Impriża Konġunta.

¹⁸ Evalwazzjoni finali tal-Impriża Konġunta SESAR li topera taħt l-FP7.
<https://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/sesar1.pdf>

¹⁹ Evalwazzjoni *interim* tal-Impriża Konġunta SESAR li topera taħt Orizzont 2020.
<https://ec.europa.eu/research/evaluations/pdf/sesar2020.pdf>

Regolamenti tal-Kunsill dwar is-SESAR²⁰, u koprew il-prestazzjoni tal-Impriża Konġunta f'termini ta' rilevanza, effiċjenza, effettività, koerenza, u valur miżjud tal-UE, filwaqt li ttieħdu wkoll inkunsiderazzjoni t-trasparenza u l-kwalità tar-riċerka. Il-Kummissjoni qieset ir-risultati tal-evalwazzjonijiet fir-rapport li bagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Ottubru 2017²¹.

45. B'rispons għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi²², il-Pjan ta' Azzjoni tal-Impriża Konġunta ġie adottat mill-Bord Amministrattiv ta' SESAR f'Mejju 2018. Il-pjan ta' azzjoni jinkludi sett wiesa' ta' azzjonijiet li jridu jiġu implimentati mill-Impriża Kongunta²³. Għal xi wħud minnhom diġà nbdew ċerti attivitajiet ²⁴, il-maġġoranza tagħhom huma

²⁰ Evalwazzjonijiet statutorji tal-Kummissjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 dwar l-Impriża Konġunta SESAR, u l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007.

²¹ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat: Interim Evaluation of the Joint Undertakings operating under Horizon 2020 (Evalwazzjoni *Interim* tal-Impriża Konġunta li joperaw taħt Orizzont 2020) {SWD(2017) 339 final}.

²² Ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-evalwaturi huma relatati mal-oqsma li ġejjin: it-tiħiħ tal-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fl-attivitajiet ta' SESAR, inklużi r-rabtiet għall-fażi ta' twaqqif; it-tiħiħ tat-tliet livelli tal-Pjan Regolatorju tal-ATM Ewropew (il-fażi ta' definizzjoni, ta' żvilupp u ta' twaqqif), filwaqt li jiġi żgurat li l-livelli kollha jużaw lingwa bbażata fuq soluzzjonijiet komuni u li l-Kummissjoni tkun tista' tissimplifika l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-fażi ta' twaqqif; it-tiħiħ tar-rabtiet mal-istituti akkademiċi; ir-risoluzzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-Qafas Legali ta' Orizzont 2020; it-teħid ta' miżuri sabiex jingħalqu l-hekk imsejħa "lakuni fl-industrijalizzazzjoni" bejn is-soluzzjonijiet attwali ta' SESAR li jieqfu fil-Livell ta' Tħejija Teknoloġika (TRL) Nru 6, u l-fażi ta' twaqqif tal-Pjan Regolatorju tal-ATM li teħtieġ soluzzjonijiet fil-livell TRL Nru 8.

²³ L-azzjonijiet speċifiċi ppreżentati fil-pjan ta' azzjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwatur jinkludu: it-titjib fl-arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-manijer responsabbli għat-twaqqif ta' SESAR, mal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, mal-Awtoritajiet Nazzjonali u mal-EUROCAE sabiex tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Pjan Regolatorju tal-ATM; iż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-Industrija; is-simplifikazzjoni tal-attivitajiet ta' SESAR taħt Orizzont 2020.

²⁴ L-attivitajiet li diġà nbdew jinkludu: l-organizzazzjoni mill-ġdid tat-tliet livelli tal-Pjan Regolatorju tal-ATM biex l-arkitettura tiegħu tiġi msaħħa madwar il-prinċipji tas-soluzzjonijiet SESAR; laqgħat regolari mal-Assoċjazzjoni għall-Iżvilupp Xjentifiku tal-ATM fl-Ewropa (ASDA) biex tiżied il-Parteċipazzjoni tal-Istituti Akkademiċi.

mistennija li jiġu implimentati fl-2018 u fl-ewwel tliet xhur tal-2019, filwaqt li wħud minnhom se jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss²⁵.

46. Fl-2017, il-Qorti tal-Awdituri ppubblikat ir-rapport speċjali tagħha dwar l-Inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew (SES)²⁶, li kopra ċerta elementi tal-prestazzjoni tal-Impriża Konġunta SESAR taħt l-FP7²⁷, li huwa l-appoġġ finanzjarju prinċipali li jingħata mill-UE għall-inizjattiva SES.

47. Kemm fl-Evalwazzjoni Finali tal-Kummissjoni²⁸ kif ukoll fir-Rapport Speċjali tal-QEA²⁹ nġibdet l-attenzjoni għad-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-Pjan Regolatorju tal-ATM, u għall-allinjament skorrett bejn it-tul ta' ħajja tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta SESAR, stabbilit bir-regolamenti, u d-durata prevista tax-xogħol li huwa mistenni minnha. Ir-rapport tal-Qorti enfasizza wkoll il-ħtieġa li jissaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-Pjan Regolatorju³⁰.

²⁵ L-Impriża Konġunta wettqet valutazzjoni ġenerali tal-qafas legali attwali tal-Impriża Konġunta SESAR bħala tnejn għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss u baġtitha lill-Kummissjoni f'Diċembru 2017. Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni li jitnaqqsu aktar il-lakuni fl-industrializzazzjoni bejn l-attivitajiet tal-Impriża Komuni SESAR u l-manijer responsabbli għat-twaqqif ta' SESAR, l-Impriża Komuni tqis li din ir-rakkomandazzjoni għalissa hija sospiża, suġġett għal inizjattiva tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

²⁶ L-Inizjattiva tal-UE dwar l-Ajru Uniku Ewropew, li tnedet fl-2004, tinkludi sett ta' regoli vinkolanti komuni għall-UE kollha dwar is-sigurtà u s-servizzi tal-ATM, il-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru u l-interoperabbiltà fi ħdan in-netwerk.
https://ec.europa.eu/transport/modes/air/single_european_sky_en

²⁷ Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2017 tal-Qorti tal-Awdituri.

²⁸ Ara d-dokument intitolat: Final Evaluation on SESAR Joint Undertaking activities under FP7 (Evalwazzjoni Finali tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta SESAR taħt l-FP7), it-Taqsima 7.1.4. Kwalità tar-Riċerka, u t-Taqsima 8. Konklużjonijiet.

²⁹ Il-paragrafi 86 u 87 tar-Rapport Speċjali Nru 18/2017 tal-Qorti tal-Awdituri.

³⁰ Ara l-paragrafu 86, u r-Rakkomandazzjoni 8 tar-Rapport Speċjali Nru 18/2017 tal-Qorti tal-Awdituri.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Neven MATES, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-2 ta' Ottubru 2018.

Għall-Qorti tal-Awdituri

A handwritten signature in black ink, appearing to read 'K-H Lehne', written in a cursive style.

Klaus-Heiner LEHNE

President

AnnessSegwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-QEA	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata / Għadha għaddejjja / Pendenti)
	<i>Rappurtar u ċċekkjar tal-kontribuzzjonijiet in natura għall-proġetti taħt SESAR 2020</i>	
2016	L-Impriża Konġunta SESAR għadha ma introduċietx gwida speċifika għall-membri u l-awdituri esterni tagħhom rigward id-dikjarazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet <i>in natura</i> tal-membri għall-proġetti taħt SESAR 2020. L-Impriża Konġunta lanqas ma stabbiliet gwida interna dwar il-kontrolli <i>ex ante</i> tagħha ta' klejms għall-ispejjeż għal proġetti taħt SESAR 2020, ibbażata fuq l-istrateġija għal kontroll <i>ex ante</i> li tintuża mill-Kummissjoni għal Orizzont 2020.	Ikkompletata
	<i>Valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-applikanti taħt is-sejħiet għal proposti</i>	
2016	Għas-sejħa ristretta għal riċerka industrijali li kienet limitata għall-membri tal-industrija tal-Impriża Konġunta, din tat għotjiet lil konsorzji ta' proġetti, minkejja l-fatt li, f'żewġ każijiet, il-kontrolli tal-vijabbiltà finanzjarja tal-benefiċjarji li twettqu mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka kienu indikaw li l-kapaċità finanzjarja tal-membru koordinatur tal-industrija fil-konsorzji kienet dgħajfa. Dan jimplika riskju finanzjarju ogħla għall-ikkompletar ta' dawk il-proġetti, u r-riskju finanzjarju huwa ogħla wkoll għall-proġetti l-oħra li fihom dawn iż-żewġ benefiċjarji huma involuti. F'dawn iż-żewġ każijiet, id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv kienet ibbażata fuq valutazzjonijiet <i>ad hoc</i> u komplementari tar-riskju, li twettqu mill-persunal tal-Impriża Konġunta SESAR. Madankollu, l-Impriża Konġunta għadha ma stabbilietx proċedura interna sistematika biex issir valutazzjoni mill-ġdid fejn il-vijabbiltà finanzjarja ta' koordinatur ta' proġett li ngħata għotja tkun dgħajfa, u li tkun tinkludi miżuri li jimmitigaw u jikkompensaw għar-riskju finanzjarju akbar.	Ikkompletata

	<i>Kosteffettività tal-kuntratti ta' servizz</i>	
2016	Fil-proċeduri tagħha għall-akkwist ta' servizzi, l-Impriża Konġunta tissettja baġit massimu għall-kuntratti. Dan l-ammont massimu mhuwiex ibbażat fuq proċess sistematiku ta' stimar tal-ispejjeż fuq sistema raġonevoli ta' referenza għall-prezzijiet tas-suq. Dan ma jiżgurax il-kosteffettività tal-kuntratti ta' servizz pluriennali tagħha, billi l-esperjenza turi li l-biċċa l-kbira mill-offerti riċevuti kienu viċin il-baġit massimu.	Ikkompletata

IT-TWEĠIBA TAL-IMPRIŻA KONĠUNTA

25. Matul il-perjodu 2010-2017, iż-żmien medju biex jiġu riċevuti l-Ftehimiet ta' Delega Annwali dwar l-Implimentazzjoni Finanzjarja kien aktar minn sitt xhur. Konsegwentement, sabiex tiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet, l-Impriża Konġunta SESAR ikollha tippjana l-baġit tagħha b'tali mod li jkollha biżżejjed flus kontanti u approprjazzjonijiet ta' pagament biex tkun tista' tkopri l-pagamenti matul mill-inqas l-ewwel nofs tas-sena ta' wara.

26. Matul dawn l-aħħar sentejn, l-Impriża Konġunta SESAR kienet qed topera taħt bosta sistemi regolatorji finanzjarji minħabba li kellha timplimenta proġetti simultanji taħt l-FP7, it-TEN-T, Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u l-ftehimiet ta' delega għad-dħul assenjat. Il-pjan ta' reklutaġġ għall-2018 jipprevedi r-reklutaġġ ta' żewġ uffiċjali finanzjarji addizzjonali biex jirrinforzaw it-Tim għall-Finanzi u l-Baġit.

27. Ir-rata ogħla ta' żball għall-pagamenti ta' għotja taħt Orizzont 2020 fl-2017 irriżultat mill-fatt li l-Impriża Konġunta SESAR kienet eżegwiet biss ftit pagamenti ta' għotja taħt Orizzont 2020 meta l-Appoġġ Komuni għall-Awditjar (CAS) tal-Kummissjoni stabbilixxa l-pjan tal-awditjar tagħha. B'mod predominanti, dawn il-pagamenti kienu relatati ma' proġetti ta' Riċerka Esplorattiva li bħala beneficijarji prinċipali jinvolvu ċentri ta' riċerka u universitajiet li, b'mod ġenerali, mhumiex daqstant familjari mar-rappurtar finanzjarju daqs beneficijarji industrijali oħra li huma akbar. Barra minn hekk, fil-biċċa l-kbira, ir-rata ta' żball kienet affettwata minn żball sinifikanti li joriġina minn beneficijarju universitarju partikolari. Biex tnaqqas dan ir-riskju fil-futur, l-Impriża Konġunta SESAR, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, se tistabbilixxi jum ta' informazzjoni dwar ir-rappurtar finanzjarju li b'mod partikolari jindirizza liċ-ċentri ta' riċerka, lill-universitajiet u lill-SMEs.

28. L-Impriża Konġunta SESAR se taġġorna l-linji gwida interni tagħha dwar l-elaborazzjoni tad-dokumentazzjoni tas-sejthiet (li jagħmlu parti mis-"Sistema ta' Ġestjoni tal-Kwalità tal-Impriża Konġunta SESAR") sabiex jinkludu l-metodu ta' medja ponderata bħala alternattiva possibbli għall-evalwazzjoni ta' offerti finanzjarji, notevolment meta dan il-metodu jippermetti riflessjoni aħjar tal-komponenti differenti tal-prezz tal-offerti finanzjarji.